MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 799/2005

**Carmel u Josephine konjugi Massa (I.D. numri 243252M u 621955M rispettivament)**

***kontra***

**Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u Thomas Ebejer ghal kull interess li jista` jkollu, u b`digriet tal-25 ta` Marzu 2010 l-Awtorita` tad-Djar assumiet l-atti minflok id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-31 ta` Awwissu 2005 li taqra hekk –

*Peress illi l-fond sitwat gewwa 51, gja` 24, Mdina Road, Naxxar, kien jappartjeni lill-attur Carmel Massa u lil ohtu Josephine Said nee` Massa in kwantu ghal sehem ta` nofs indiviz bejniethom, u lil Carmel Cremona, Mary Anne Psaila nee` Cremona u Nazzareno Psaila in kwantu ghas-sehem indiviz rimanenti ta` l-imsemmi fond ;*

*Peress illi permezz ta` Ordni ta` Rekwizizzjoni [Numru 22312] mahrug mill-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali fl-10 ta` Gunju 1980, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A, l-istess konvenut irrekwizizzjona l-fond de quo, liema fond gie sussegwentement allokat lil terzi ;*

*Peress illi permezz ta` kuntratt datat 22 ta` April 1988 u kuntratt iehor datat 21 ta` Ottubru 1999, l-atturi akkwistaw l-ishma indivizi l-ohra tal-fond de quo, kif fuq indikat, b`dan illi huma saru l-proprjetarji assoluti u esklussivi tal-istess fond, illi huwa adjacenti ghar-residenza taghhom gewwa 53, Mdina Road, Naxxar ;*

*Peress illi fil-11 ta` Ottubru 1999, meta l-fond de quo kien ghadu battal, l-atturi gharrfu lill-imsemmi konvenut, permezz ta` ittra li ggib l-istess data u li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B, illi huma kienu ser jakkwistaw ir-rimanenti sehem indiviz tal-fond in kwistjoni fil-granet sussegwenti u konsegwentement, in vista tal-intenzjoni taghhom illi jniffdu l-fond de quo mar-residenza taghhom biex isir parti mill-istess residenza, talbu lill-imsemmi konvenut sabiex jibqa` ma jikrix il-fond de quo lil terzi ;*

*Peress illi b`danakollu, fl-20 ta` Ottubru 1999, l-atturi gew infurmati verbalment mill-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali illi l-fond de quo xorta wahda kien ser jigi allokat lil terzi, u ghalhekk, huma regghu avzaw lill-*

*istess konvenut permezz ta` ittra datata 20 ta` Ottubru 1999 illi huma kienu ser jikkonkludu l-akkwist tar-rimanenti porzjoni tal-fond de quo l-ghada 21 ta` Ottubru 1999, u konsegwentement, regghu nterpellaw lill-istess konvenut sabiex ma jikrix il-fond lil terzi ;*

*Peress illi fil-fatt, fil-21 ta` Ottubru 1999, l-atturi gharrfu lill-imsemmi konvenut, permezz ta` ittra li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. C, illi huma saru l-proprjetarji assoluti tal-fond de quo skont il-kuntratt relattiv illi kopja taghha giet debitament annessa mal-imsemmija ittra, u regghu rribadixxu t-talba taghhom ghall-allokazzjoni tal-istess fond ;*

*Peress illi b`danakollu, permezz ta` ittra datata 20 ta` Ottubru 1999, ricevuta minnhom biss fis-26 ta` Ottubru 1999, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. D, l-atturi gew infurmati illi l-fond de quo kien ser jigi allokat lill-konvenut Thomas Ebejer, izda illi l-kuntratt relattiv kien ghadu ma sarx ;*

*Peress illi effettivament, il-kuntratt relattiv mal-imsemmi konvenut Thomas Ebejer, gie konkluz biss fid-9 ta` Novembru 1999, meta l-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali kien diga` gie debitament infurmat illi l-atturi kienu l-proprjetarji assoluti tal-fond de quo u illi huma riedu juzaw l-istess fond bhala parti mir-residenza taghhom ;*

*Peress illi ghalhekk jirrizulta illi l-agir tal-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, illi alloka l-fond de quo lil terzi fi zmien meta l-fond imsemmi kien battal u meta huwa kien diga` gie debitament mgharraf mill-atturi illi kellhom il-hsieb illi jiehdu pussess tal-fond in kwistjoni sabiex hemm jistabilixxu r-residenza ordinarja taghhom, huwa rregolari u jikkonstitwixxi ksur tal-obbligu tal-istess konvenut illi jalloka l-fond in kwistjoni lill-atturi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(6) tal-Att dwar id-Djar ;*

*Peress illi jirrizulta wkoll ampjament illi l-fond de quo ma huwiex qed jintuza mill-kerrej prezenti, l-imsemmi konvenut Thomas Ebejer, bhala r-residenza ordinarja tieghu, minkejja illi l-fond gie allokat lilu ghal ghanijiet residenzjali in virtu` tal-ordni tar-rekwizizzjoni relattiva, u effettivament il-fond in kwistjoni qatt ma ntuza ghal dan l-iskop mill-imsemmi konvenut ;*

*Peress illi inoltre, l-atturi qatt ma gew rikjesti jew interpellati bl-ebda mod mill-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, sabiex jirrikonoxxu lill-konvenut Thomas Ebejer bhala inkwilin tal-fond de quo u kwindi qatt ma rcievu l-ebda kumpens ghar-rekwizizzjoni tal-fond taghhom skont il-Ligi ;*

*Peress illi ghaldaqstant, jirrizulta illi fic-cirkostanzi, il-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali naqas milli jezercita s-setghet lilu allokati mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9 tal-Att dwar id-Djar, cioe` illi jordna lill-konvenut Thomas Ebejer illi jitlaq mill-fond de quo, u konsegwentement dan l-agir, flimkien mal-irregolarita` tal-allokazzjoni tal-fond de quo kif fuq premess, qieghed jirreka danni u pregudizzju ngenti lill-atturi illi qeghdin jigu prekluzi milli juzaw u jgawdu l-proprjeta` taghhom skont il-Ligi ;*

*Peress illi ghalkemm interpellat permezz ta` Protest Gudizzjarju datat __ (sic) ta` Gunju 2005, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. E, sabiex jirregola l-pozizzjoni tieghu fir-rigward tal-fond de quo, il-konvenut id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, baqa` inadempjenti.*

*Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex : -*

*1. Tiddikjara illi bl-allokazzjoni tal-fond di proprjeta` tal-atturi sitwat gewwa 51, gja` 24, Mdina Road, Naxxar, lill-konvenut Thomas Ebejer, il-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali mexa bi ksur tal-obbligi tieghu u tad-drittijiet tal-atturi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(6) tal-Att dwar id-Djar ;*

*2. Tiddikjara konsegwentement illi l-allokazzjoni tal-fond de quo lill-konvenut Thomas Ebejer hija nulla u bla effett fil-Ligi ;*

*3. Tordna konsegwentement illi l-fond de quo jigi allokat lill-atturi ghal kull fini u effett tal-Ligi ;*

*4. Tiddikjara illi bhala rizultat tal-allokazzjoni llegali u abbuziva tal-fond de quo u bhala rizultat tal-agir tal-konvenut Thomas Ebejer, kif fuq premess, l-atturi soffrew id-danni ;*

*5. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi, id-danni kollha sofferti mill-atturi, kif fuq premess ;*

*6. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi dawk id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali prezentata fl-14 ta` Ottubru 2005 li taqra hekk –

*Preliminarjament illi din l-azzjoni hija minghajr ebda fondament guridiku stante li l-atturi qeghdin jattakkaw att ta` natura amministrattiva fejn l-esponent agixxa in ezercizzju tal-poteri moghtija lilu ai termini tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta` Malta, u ghalhekk setghu jagixxu biss taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 li l-ghan appozitu tieghu huwa illi jirregola tali azzjonijiet.*

*Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-azzjoni kif impostata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.*

*Subordinatament u bla pregudizzju, illi in kwantu hija azzjoni ta` natura amministrattiva, din l-azzjoni hija preskritta ai termini tas-subinciz 3 tal-Artikolu 469A.*

*Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-atturi ma jistghux jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-esponent sabiex jasal ghal decizjoni amministrattiva li n-natura taghha tkun diga` giet predeterminata minnha, kif qed jippretendu huma li ghandha taghmel. Bir-rispett, din l-Onorabbli Qorti tista` biss titlob lill-esponent jirrevedi d-decizjoni tieghu, u dan biss jekk issib li gie kommess xi nuqqas ai termini tal-fuq imsemmi artikolu 469A tal-Kap. 12.*

*Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-atturi ma jistghux jitolbu li din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hlas ta` danni stante li fi kwalunkwe kaz l-esponent m`agixxiex “in mala fede jew b`mod mhux ragonevoli” u wkoll stante li “l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment” tigi michuda mill-esponent, ai termini tal-Artikolu 469A(2)(5).*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, din l-azzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent ma kiser b`ebda mod l-obbligi tieghu taht il-Kap. 125. Is-subinciz 3 tal-Artikolu 3 jaghti lill-esponent Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali l-jedd li jiddeciedi jekk it-talba tas-sid tkunx konformi jew le mar-rekwiziti tal-ligi sabiex jinghata l-post lura. Jekk id-Direttur jasal ghall-konkluzjoni li l-fond involut mhuwiex verament mehtieg ghall-ghan specifikat mil-ligi, huwa ghandu l-obbligu li ma jitlaqx tali fond minn idejh. Fil-fatt, l-eccipjent ma hassx il-htiega tal-atturi ghall-fond oggett ta` din il-kawza kienet kbira bizzejjed biex tiggustifika r-rilaxx tal-istess fond lilhom, b`mod partikolari minhabba li huma diga` kellhom fejn joqoghdu.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat illi l-konvenut Thomas Ebejer, ghalkemm kien debitament notifikat skond il-ligi bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, baqa` ma pprezentax nota ta` eccezzjonijiet u kwindi kellu jitqies fi stat ta` kontumacja.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 ta` Ottubru 2007 fejn idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Jannar 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li jaqra hekk –

*Meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur.*

*Dr. Rachel Montebello tissottometti li jigi deciz jekk l-ordni rekwizizzjonali nru 22312 datat 10 ta' Gunju 1980*

*kif ukoll l-allokazzjoni li saret fil-proprjeta' milquta mir-rekwizzizzjoni, lill-konvenut Thomas Ebejer fl-1999, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u fi zmien meta s-setgha tal-konvenut id-Direttur ta' l-Akkomodazzjoni Socjali li jirrekwizizzjona proprjeta' privata ma kienitx ghadha vigenti, humiex jew sarux in vjolazzjoni tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Il-Qorti tidderigi lill-atturi biex tipprezenta nota fuq din it-talba, biex isir Referenza Kostituzzjonali, fi zmien tletin gurnata millum li ghandha tigi notifikata lill-kontro-parti li jkollhom tletin gurnata biex jirrispondu ghal tali talba.*

*Il-kawza qed tigi differita ghall-kontinwazzjoni ghall-15 ta' April 2008.*

Rat in-nota tal-atturi (fol 73 u 74).

Rat in-nota tal-konvenut Thomas Ebejer (fol 76 u 77) u n-nota tal-konvenut Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali (fol 80 sa 85).

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta` Gunju 2008 fejn din il-Qorti diversament presjeduta pprovdiet hekk –

*Il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet thoss li peress li t-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali mhix frivola u vessatorja, tilqa' t-talba ghal referenza kostituzzjonali, fis-sens li jigi stabbilit jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni tal-fond 51, Imdina Road, Naxxar, li saret fl-10 ta' Gunju, 1980, inkluz l-effetti kontinwati ta' l-istess ordni sarux bi ksur ta' l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea citata u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif kontenut fl-ewwel paragrafu tan-nota ta' l-attur ; u thalli l-kawza biex tigi trattata din in referenza Kostituzzjonali minn din il-Qorti.*

Rat l-atti fejn kienet trattata r-riferenza kostituzzjonali.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta` Marzu 2010 (fol 117) fejn kien permess lill-Awtorita` tad-Djar li tassumi l-atti tal-kawza bhala konvenut minflok id-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali.

Rat is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta` Ottubru 2011 fejn ir-riferenza kostituzzjonali kienet deciza hekk –

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi din ir-referenza kostituzzjonali, billi filwaqt li tichad in-nota responsiva datata 25 ta' Marzu 2008 tal-intimat id-Direttur ghal-Akkomodazzjoni Socjali, li llum r-rwol tieghu legali gie assunt mill-Awtorita' tad- Djar u dan in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti fis-sens li tiddikjara li l-ordni ta' rikwizizzjoni tal-fond 51, Mdina Road, Naxxar li saret permezz ta' Ordni ta' Rikwizizzjoni Numru R.O. 22312 datata 10 ta' Gunju 1980 vjolat id-drittijiet fondamentali tal-atturi/rikorrenti skond kif premess fin-nota ta' l-atturi datata 14 ta' Frar 2008 konsegwenti ghat-talba li saret mill-atturi fl- 10 ta' Jannar 2008 fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Massa et vs Id-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali et" (Citaz. Nru. 799/05/RCP) ghar-referenza kostituzzjonali, u dan ghaliex tali ordni kisret id-dritt fundamentali tar-rikorrenti sancit fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kollox kif hawn deciz u dan biss fis-sens hawn deciz u senjatament ghaliex ma nzammx il-bilanc gust (fair balance) bejn l-interess generali tal-komunita' u l-harsien tad-dritt ta' proprjeta' fis-sens indikat fl-artikolu appositu tal- Konvenzjoni u wkoll ma inghatx kumpens xieraq skond kif rikjest fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ghalhekk tordna lill-Awtorita' tad-Djar sabiex thallas lir-rikorrenti odjerni Carmel u*

*Josephine Massa l-ammont hawn likwidat minn din il-Qorti ta' tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000) bhala kumpens ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali li garrbu. Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-Awtorita' tad-Djar.*

Rat is-sentenza ta` l-Qorti tal-Appell tat-30 ta` April 2012 fejn, wara li l-atturi konjugi Massa appellaw mis-sentenza dwar ir-riferenza kostituzzjonali fuq riferita, kien deciz hekk –

*Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell tal-Awtorita` bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.*

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2012 fejn halliet il-kawza fil-procediment ordinarju ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghall-24 ta` Jannar 2013.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi li kienet prezentata fit-2 ta` Novembru 2012 u n-nota responsiva tal-Awtorita` konvenuta li kienet prezentata fl-10 ta` Dicembru 2012.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta` Jannar 2013 quddiem din il-Qorti hekk kif presjeduta fejn id-difensuri tal-partijiet talbu sabiex il-Qorti tiddeciedi l-ewwel, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta u li f`dan l-istadju ma tidholx fil-mertu.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-22 ta` April 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-eccezzjonijiet li se jkunu decizi llum</u>**

**1) <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Taqra hekk –

*Preliminarjament illi din l-azzjoni hija minghajr ebda fondament guridiku stante lil-atturi qeghdin jattakkaw att ta` natura amministrattiva fejn l-esponent agixxa in ezercizzju tal-poteri moghtija lilu ai termini tal-Kap. 125 tal-Ligijiet ta` Malta, u ghalhekk setghu jagixxu biss taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12 li l-ghan appozitu tieghu huwa illi jirregola tali azzjonijiet.*

**i) <u>Il-fehma tal-atturi</u>**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, l-atturi jaghmlu dan l-argument (ara fol 147) –

*illi ghandha ssir distinzjoni bejn dak li huwa eghmil amministrattiv fis-sens imfisser fl-Artikolu 469A, u cioe` atti mehudin mill-amministrazzjoni pubblika li permezz taghhom tkun qed tigi ezercitata **diskrezzjoni** da parti ta` l-awtorita`, u dawk l-atti li jkunu bbazati fuq jew naxxenti minn **obbligi legali** espressament imposta mil-Ligi fuq l-awtorita` amministrattiva. Jigi sottomess illi l-Legislatur ma setax, meta llimita l-istharrig gudizzjarju li jista` jsir f`eghmil amministrattiv, kien qieghed jeskludi minn stharrig gudizzjarju, dawk **l-atti u dak l-eghmil li permezz taghhom kien qed jinkiser obbligu espressament***

***impost mil-Ligi fuq l-awtorita` pubblika li jeskludi l-ezercizzju ta` diskrezzjoni da parti ta` l-istess awtorita`.***

L-atturi qeghdin jistriehu kompletament fuq l-**Art 3(6) tal-Kap 125** li skond l-atturi jimponi obbligu **mandatorju** fuq l-Awtorita` u ma jaghtiha l-ebda diskrezzjoni. Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(6) Meta bini li jkun gie rekwizizzjonat taht dan l-artikolu jitbattal u jkun jappartjeni b'titolu assolut jew b'enfitewsi lil min jaghti prova* ***ghas-sodisfazzjon tad-Direttur*** *li ghandu hsieb li jiehu pussess tal-bini sabiex hemm jistabbilixxi r-residenza ordinarja tieghu jew dik ta' xi hadd mit-tfal tieghu, id-Direttur ghandu jalloka l-bini lil dik il-persuna, jew lil xi hadd mit-tfal tieghu kif imsemmi qabel, skond il-htiega tal-kaz ; u jekk dik ir-residenza ordinarja tigi fil-fatt hekk stabbilita fi zmien sitt xhur minn meta ssir l-allokazzjoni, jew minn dak iz-zmien aktar tard li d-Direttur jista' ghal raguni valida jippermetti, u tkompli ghal perjodu ta' mhux anqas minn sentejn, id-Direttur ghandu, jekk hekk jintalab jaghmel, jidderikwizizzjona l-bini.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

L-atturi qeghdin isostnu li huma ghamlu l-prova li jirrikjedi l-Art 3(6), prova li kellha tissoddisfa lill-Awtorita`. Kwindi kienet **obbligata** talloka l-fond lill-atturi u allura ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta` ezercizzju ta` diskrezzjoni. Isostnu l-atturi illi bl-azzjoni taghhom mhumiex jikkontestaw l-ezercizzju ta` diskrezzjoni da parti ta` awtorita` pubblika izda l-inadempjenza da parti ta` din tal-ahhar li toqghod mal-obbligi taghha skond il-ligi.

L-atturi jkomplu hekk –

***Jigi enfasizzat illi l-konvenut fl-ebda mument ma ha d-decizjoni illi ma jallokax il-fond lill-esponenti ghaliex ma giex sodisfatt illi huma ma kienux sejrin jistabilixxu hemmhekk ir-residenza ordinarja***

***taghhom. Din id-decizjoni qatt ma giet komunikata lill-esponenti u effettivament, qatt ma ttiehdet decizjoni f`dak is-sens – l-uniku risposta li qatt ircevew l-esponenti ghat-talba taghhom biex jigu allokati l-fond de quo dak iz-zmien, kienet illi din kienet ser tigi allokata lill-konvenut l-iehor Thomas Ebejer.***

Jghidu l-atturi illi l-Awtorita` konvenuta ma ressqet l-ebda prova li ddecidiet wara li qieset il-htiega tal-atturi vis-à-vis ta` Thomas Ebejer. L-Awtorita` konvenuta kienet obbligata l-fond lill-atturi hekk kif irceviet it-talba taghhom sabiex *res ipsa loquitur* jistabilixxu r-residenza taghhom f`dak il-fond.

**ii) <u>Il-fehma tal-Awtorita` konvenuta</u>**

Ghal dawn l-argumenti tal-atturi – li din il-Qorti gabret **<u>fil-qosor</u>** – l-Awtorita` konvenuta wiegbet bin-nota ta` osservazzjonijiet taghha fejn irrilevat illi –

*9. Essenzjalment **<u>fl-ewwel eccezzjoni taghha</u>** l-Awtorita` ntimata qeghda tishaq li ladarba l-azzjoni tal-atturi hija mahsuba biex ticcensura l-imgieba amministrattiva kondotta mill-awtoritajiet governattiva fil-kors tal-allokazzjoni tal-propjeta` taghhom fin-Naxxar favur certu Thomas Ebejer allura huma kien messhom bnew u fasslu l-azzjoni taghhom abbazi tal-istharrig gudizzjarju kif specifikat fl-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta**.*

*10. Tassew f`dan is-sens hija s-sottomissjoni ewlenija tal-Awtorita` esponenti, li fl-assenza ta` procedura specifika u ad hoc indikata fil-ligi, kwalsiasi decizjoni jew ghemil amministrattiv mehuda mid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali tista` tigi attakkata biss skond il-procedura mfissra fl-**artikolu 469A** fuq imsemmi …*

L-Awtorita` konvenuta ghamlet gabra tal-provi minn paragrafu 15 sa 19 tan-nota taghha. U fuq l-iskorta ta` dawk il-fatt taghmel l-argument il-paragrafu 22 illi –

*… ladarba r-rabta bejn il-partijiet kontendenti ma nibtitx fuq wahda minn dawn ir-relazzjonijiet guridici* (u cioe` kuntrattwali, kwazi-kuntrattwali jew delittwali) *huwa sintomatiku li r-relazzjoni ta` bejniethom hija wahda ta`* ***<u>bixra</u>*** ***<u>amministrattiva</u>*** *u li ghalhekk regolata mil-ligi amministrattiva.*

U tinsisti fil-paragrafu 25 illi –

*… l-hrug tal-ordni ta` rekwizizzjoni, iz-zamma taghha u d-derekwizzjoni huma kollha kemm huma mizuri u azzjonijiet necessarji biex iwettqu l-ghanijiet tad-disposizzjonijiet li johorgu mill-**Att dwar id-Djar**. Ghalhekk min-natura taghhom dawn il-mizuri ghandhom jitqiesu bhala decizjonijiet jew ghemejjel amministrattivi li jaqghu fit-tifsira li hemm migjuba fl-**artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta**.*

Kwindi, skond l-Awtorita` konvenuta, id-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tal-atturi tikkwalifika bhala ghemil amministrattiv ghall-fini tal-Art 469A(2).

Senjatament imbaghad dwar l-argument ewlieni tal-atturi meta jghidu li ghamlu l-kawza mhux biex jitolbu l-istharrig ta` ghemil amministrattiv izda ghaliex l-Awtorita` konvenuta kisret l-obbligi taghha skond il-ligi, l-Awtorita` tghid fil-paragrafu 29 illi –

*… din ix-xilja ta` ksur tal-ligi mwettqa mid-Direttur xorta wahda tista` tigi meqjusa taht il-kappa tal-azzjoni tal-istharrig gudizzjarju u dan abbazi tal-artikolu 469(1)(b)(iv) li appuntu taghti lok ghal judicial review meta l-ghemil imwettaq mill-awtorita` pubblika tkun b`xi mod tikser il-ligi …*

In sostenn tal-posizzjoni taghha, l-Awtorita` konvenuta taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Jannar 2006 fil-kawza `**Borg vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim` Ministru**`.

Finalment l-Awtorita` konvenuta tirrileva li l-Art 3(6) tal-Kap 125 jaghti *diskrezzjoni lid-Direttur ghall-Akkomodazzjoni biex jiddeciedi jekk il-fond li qed jintalab li jigi derekwizizzjonat huwiex vera mehtieg ghar-residenza ordinarja jew le*.

**iii) Il-fehma tal-Qorti**

L-argumenti li gabet l-Awtorita` konvenuta biex issostni l-ewwel eccezzjoni taghha *pesano come un macigno* ghaliex jismontaw is-sisien li fuqhom l-atturi pprovaw jibnu l-azzjoni taghhom. Din il-Qorti tibda biex tghid illi qieset b`reqqa kull ma nghad fin-noti ta` osservazzjonijiet pero` ma tistax tikkondividi l-fehma tal-atturi.

L-Art 469A japplika ghal kull xorta ta` atti amministrattivi, kemm dawk fejn l-awtorita` pubblika hija moghtija diskrezzjoni, kif ukoll fejn l-awtorita` pubblika ma gietx moghtija diskrezzjoni kif tagixxi, sakemm naturalment tali atti amministrattivi jaqghu fid-definizzjoni ta` "eghmil amministrattiv" kif provdut fl-Art 469A(2) u "hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi" [l-ewwel parti ta` l-Art 469A(1)] (ara "**Borg vs Segretarju Parmanenti**" – Qorti tal-Appell – 27 ta` Jannar 2006).

L-atturi jsostnu li l-Art 469A tal-Kap 12 mhux applikabbli ghall-kaz in dizamina ghax dak li qed jikkontestaw mhuwiex "*eghmil amministrattiv*" tad-Direttur fid-definizzjoni moghtija fis-subartikolu (2) tal-istess

Artikolu 469A. L-atturi qeghdin jistriehu **ghal kollox** fuq id-dicitura tal-Art 3(6) tal-Kap 125 (*supra*) pero` konsiderazzjoni korretta ta` din id-disposizzjoni tesigi li din ghandha titqies fl-assjem taghha mhux "*bil-bicca*". L-atturi jaghmlu enfasi fuq x`**ghandu** jaghmel id-Direttur u jinsistu li dak li ghandu jaghmel huwa **obbligu legali** (u jippersistu u jinsistu fuq din il-fehma fin-nota kollha) pero` mbaghad jghaddu hafif hafif fuq dik il-parti tal-istess disposizzjoni li tipprecedi dak li d-Direttur ghandu jaghmel. U dik il-parti tal-paragrafu 6 taqra hekk –

*Meta bini li jkun gie rekwizizzjonat taht dan l-artikolu jitbattal u jkun jappartjeni b'titolu assolut jew b'enfitewsi lil min jaghti prova* ***ghas-sodisfazzjon tad-Direttur*** *li ghandu hsieb li jiehu pussess tal-bini sabiex hemm jistabbilixxi r-residenza ordinarja tieghu jew dik ta' xi hadd mit-tfal tieghu, id-Direttur ghandu …*

Id-Direttur (qabel) u l-Awtorita` tad-Djar (illum) huwa *awtorita` pubblika* b`funzjoni regolatrici pubblika u amministrattiva. M`ghandu jidhol dubju f`mohh hadd (inkluz l-atturi) illi fl-ambitu tal-Art 3(6) hemm inserita diskrezzjoni, u d-decizjoni li jiehu d-Direttur meta jezercita dik id-diskrezzjoni, hija eghmil amministrattiv, li huwa regolat bl-Art 469A tal-Kap 12, ghaliex fis-subinciz (2) dak l-*eghmil* huwa definit bhala *l-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant,* ***deċiżjoni jew ir-rifjut*** *għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika …* (enfasi u sottolinear tal-qorti).

Huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kap 12 hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tieghu. Din il-Qorti tirrespingi bhala nfondat fid-dritt l-argument tal-atturi li l-Kap 125 huwa *lex specialis* fir-rigward tal-Art 469A tal-Kap 12. Ladarba dak li ghamel id-Direttur fil-kaz tal-lum ghandu jitqies bhala eghmil amministrattiv allura l-Kap 125 ma hija xejn *lex specialis* izda l-mertu jingabar kollu kemm hu fl-Art 469A. Tant dan huwa hekk illi s-subinciz (iv) tal-paragrafu (b)

jahseb ghal *meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi* li kien l-ilment ewlieni tal-atturi. Dan huwa argument iehor validu u importanti li gabet l-Awtorita` konvenuta u li l-atturi naqsu milli jindirizzaw.

Fil-kawza "**<u>Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim` Ministru</u>**", l-attur ried jimpunja decizjoni amministrattiva illi l-kalkolu tal-pensjoni tieghu kien zbaljat, arbitrarju, ingust u kontra l-ligi. Din il-Qorti (diversament presjeduta) tat sentenza fejn wara li applikat l-Art 469A laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut illi l-azzjoni ma setghetx tigi proposta ghax kien ghadda z-zmien ta` sitt xhur stipulat mill-Art 469A(3). L-attur appella u ghamel l-argument illi fil-kaz tieghu l-Art 469A ma kienx applikabbli. Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 2005, il-Qorti tal-Appell irrilevat hekk –

*Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, tali komputazzjoni (jigifieri li, flok ma jittiehed in konsiderazzjoni l-grad li bih spicca mic-civil jittiehed in konsiderazzjoni x-xoghol li huwa kien qed jaghmel meta hekk spicca) hija bi ksur ta' xi ligi (kif hemm accennat fl-ewwel talba attrici), il-ksur ta' tali ligi hija proprju kontemplata mill-istess Artikolu 469A(1)(b)(iv) bhala wahda mir-ragunijiet ghall-impunjazzjoni ta' tali decizjoni …*

*Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant … jargumenta li l-kawza tieghu ma hix dwar decizjoni amministrattiva izda dwar il-ksur ta' kuntratt, kuntratt bejnu u bejn il-Gvern dwar pensjoni. Din il-Qorti tara li b'dana l-aggravju l-appellant qieghed semplicement jipprova jisposta l-kawza biex johrogha mill-ambitu ta' l-Artikolu 469A kif originarjament minnu proposta. Fic-citazzjoni imkien ma jissemma' xi haga li remotament tista' tindika li huwa qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq relazzjoni kuntrattawali. Ghall-kuntrarju, l-ewwel talba tieghu tispecifika espressament "decizjoni amministrattiva", li huwa jghid li kienet "zbaljata u kontra l-ligi u l-gustizzja u arbitrarja" – kliem kollha dawn li jkomplu jikkonfermaw li l-azzjoni hija fil-kamp tal-Artikolu*

*469A tal-Kap. 12 – bhalma jkomplu jikkonfermaw in-natura ta' l-azzjoni l-kliem uzati anke fir-rikors ta' appell*

Fil-kaz tal-lum l-allokazzjoni tal-fond lil Thomas Ebejer minflok lill-attur kien eghmil amministrattiv. Skond l-atturi, dik l-allokazzjoni kienet kontra l-ligi. Kienitx kontra l-ligi nkella le huwa kompitu li jispetta lil din il-Qorti li tistharreg fl-ambitu tal-Art 469A dment illi jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li tistabilixxi l-ligi sabiex ikun jista` jsir stharrig gudizzjarju.

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti qeghda **tilqa` l-ewwel eccezzjoni**.

**2) It-tielet eccezzjoni**

Taqra hekk –

*Subordinatament u bla pregudizzju, illi in kwantu hija azzjoni ta` natura amministrattiva, din l-azzjoni hija preskritta ai termini tas-subinciz 3 tal-Artikolu 469A.*

**i) Il-fehma tal-atturi**

Skond l-atturi, il-kwistjoni kienet wahda ta` *ksur ta` obbligi legali mhux ta` eghmil amministrattiv fis-sens imfisser ai termini ta` l-imsemmi Artikolu u ghalhekk huwa soggett ghall-iskrutinju gudizzjarju mhux limitat mill-istess Artikolu* (ara fol 151). L-atturi qeghdin jirreferu ghall-Art 469A.

Dwar dati, jirrizulta li fil-**11 ta` Ottubru 1999**, l-atturi kitbu lid-Direttur Ghall-Akkomodazzjoni Socjali biex ma jikrix aktar il-fond de quo (li kien ghadu kolpit minn ordni ta` rekwizizzjoni li kienet inharget fl-1980). Dan ghaliex

huma kienu diga` kellhom sehem indiviz tal-fond u kienu sejrin jixtru r-rimanenti sehem indiviz ; bil-fond kollu propjeta` taghhom riedu jniffdu dak il-fond mal-post adjacenti fejn kienu joqghodu. Ghalhekk l-atturi riedu li l-fond jinghata lura lilhom. L-atturi jirrilevaw illi huma rcevew ittra fis-**<u>26 ta` Ottubru 1999</u>** minghand id-Dipartiment datata **<u>20 ta` Ottubru 1999</u>** fejn gew infurmati illi l-post kien ser jigi allokat lill-konvenut Thomas Ebejer (Dok D). Permezz ta` ittra ohra tal-**<u>11 ta` Novembru 1999</u>**, l-atturi kienu nfurmati illi l-fond kien gie allokat lil Thomas Ebejer b`effett mill-25 ta` Ottubru 1999 versu l-hlas tal-kera ta` Lm 48 fis-sena.

## ii) <u>Il-fehma tal-Awtorita` konvenuta</u>

L-Awtorita` konvenuta tinsisti li l-azzjoni attrici hija perenta skond l-Art 469A(3) tal-Kap 12 u tghid hekk –

*39. Fil-kaz in specje, id-decizjoni tad-Direttur ghall-Akkomodazzjoni li jalloka l-fond lil Thomas Ebejer giet mehuda fl-**<u>20 ta` Ottubru 1999</u>**. Bhala konsegwenza ta` din l-allokazzjoni, kien implicitu li fl-istess waqt kienet qed tigi kontestwalment michuda wkoll it-talba tal-atturi tal-11 ta` Ottubru 1999 biex il-fond in kwistjoni jigi ritornat lilhom. Jigi b`hekk li l-atturi kellhom sitt xhur mid-data tal-20 ta` Ottubru 1999 biex huma jattakkaw dik id-decizjoni a tenur tal-artikolu 469A. Madanakollu huma ressqu din l-azzjoni madwar sitt snin cjoe fil-31 ta` Awissu 2005 (ara t-timbru a fol 1 tal-process) li huwa ferm lil hinn miz-zmien perentorju li huwa koncess mil-ligi biex titressaq azzjoni ta` din l-ghamla.*

*40. Ghal kompletezza, anke li kieku stess it-terminu tas-sitt xhur kellu jittiehed wara xaghrejn min-notitika tal-ittra tal-11 ta` Ottubru 1999 (dejjem jekk wiehed kellu jargumenta li bl-applikazzjoni tal-artikolu 469(A)(2) kien hemm rifjut minhabba li ma nghatatx risposta formali) xorta wahda l-atturi ressqu din l-azzjoni taghhom tardivament.*

**iii) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

**L-<u>Art 469A(3)</u>** jaqra hekk –

*Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.*

Huwa evidenti minn din id-disposizzjoni illi t-terminu ta` sitt xhur japplika ghall-erba` kazi ta` stharrig gudizzjarju fejn eghmil amministrattiv jitqies illi huwa *ultra vires.* L-erba` kazi huma ndikati fis-subartikolu 1(b). Kwindi t-terminu ta` sitt xhur ma jiskattax fil-kaz ta` eghmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni kif previst fis-subartikolu 1(a). Iz-zmien ta` sitt xhur huwa perjodu ta` dekadenza li jfisser li t-terminu ma jistax jigi interrott jew sospiz bhal ma jista` jigri meta t-terminu jkun ta` preskrizzjoni.

Meqjusa l-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, in partikolari – ghall-fini ta` din l-eccezzjoni – meta l-atturi kienu edotti mid-decizjoni tad-Direttur, m`ghandux ikun hemm l-icken dubju li l-atturi ddekadew mill-azzjoni taghhom.

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti qeghda **<u>tilqa` t-tielet eccezzjoni</u>**.

**3) <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>**

Taqra hekk –

*Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-atturi ma jistghux jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-*

*esponent sabiex jasal ghal decizjoni amministrattiva li n-natura taghha tkun diga` giet predeterminata minnha, kif qed jippretendu huma li ghandha taghmel. Bir-rispett, din l-Onorabbli Qorti tista` biss titlob lill-esponent jirrevedi d-decizjoni tieghu, u dan biss jekk issib li gie kommess xi nuqqas ai termini tal-fuq imsemmi artikolu 469A tal-Kap. 12.*

**i) <u>Il-fehma tal-atturi</u>**

Fin-nota taghhom (ara fol 151) l-atturi jaghmlu din l-osservazzjoni dwar ir-raba` eccezzjoni –

… *hija nfondata stante illi galadarba jigi stabbilit illi l-ksur ta` l-obbligu legali in kwistjoni ma huwiex ir-rizultat ta` l-ercizzju ta` diskrezzjoni amministrattiva, il-Qorti tista` liberament tirrimedja l-istess ksur billi tordna lill-konvenut id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali jaqdi l-obbligi legali tieghu ai termini ta` l-Artikolu 3(6) tal-Kapitolu 125.*

**ii) <u>Il-fehma tal-Awtorita` konvenuta</u>**

Fil-paragrafu 46 tan-nota taghha (a fol 175) l-Awtorita` tghid hekk –

*Tassew din l-Onorabbli Qorti kif adita tista` biss tisharreg u tissindaka l-operat tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali (illum assunti mill-Awtorita` tad-Djar) izda mhux ukoll li tassumi l-funzjonijiet u s-setghat taghhom minflokhom, kif qed jippretendu l-atturi fit-tielet talba taghhom kontenuta fic-citazzjoni.*

**iii) <u>Il-fehma tal-Qorti</u>**

It-<u>tielet talba</u> taqra hekk –

*Tordna konsegwentement illi l-fond de quo jigi allokat lill-atturi ghal kull fini u effett tal-Ligi.*

Din il-Qorti diga` stabbiliet illi l-Art 469A jghodd ghall-kaz tal-lum. U ghax hekk hu hija fondata r-raba` eccezzjoni.

Il-posizzjoni legali korretta u preciza kienet migbura bl-aktar mod limpidu fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et**" meta qalet hekk –

***F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni ; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti ; pero` finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawza 'Grech v. Ministru tax-Xoghlijiet et' deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi : "... il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom." Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti 'Borda v. Ellul Micallef' deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009 gie***

***osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista` tigi ordnata tezercita dik id-diskrezzjoni f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita` ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari.***

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti qeghda **tilqa` r-raba` eccezzjoni**.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa` l-ewwel u r-raba` eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta.**

**Tilqa` t-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta u tiddikjara illi l-atturi naqsu milli jressqu l-azzjoni taghhom fi zmien utli skond il-ligi.**

**Tehles liz-zewg konvenuti milli jibqghu izjed fil-kawza u li jwiegbu ghat-talbiet tal-atturi.**

**Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------